MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Numru 699/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**Vs**

Kevin Brincat

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat Kevin Brincat detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 422775(M), akkuzat talli:

Fil-25 ta’ Marzu, 2002 ghal habta tat-3:00 ta’ filghodu flimkien ma’ persuni mhux maghrufa gewwa Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq ta’ vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAF152, wera’ dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq l-istess vettura tal-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAF152 ghad-dannu ta' Joseph Burton Rapa minn San Pawl il-Bahar, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin Lira Maltin (Lm50) izda ma jiskorrix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza mill-Magistrat Dr Carol Peralta LL.D. datata 17 ta' Dicembru, 2001.

Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 298 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom baghat lura l-atti quddiem din il-Qorti sabiex tiddeciedi dwar il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata sommarjament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ir-reati li ghalihom l-imputat ghandu jirrispondi huma ta' attentat ta' serq, hsara volontarja, ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 u r-recidiva.

L-imputat fl-udjenza tal-lum irregistra ammissjoni f'liema ammissjoni huwa baqa' jippersisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq din l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat qeghdha issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti u qeghdha tikkundannah fil-konfront tar-reati kollha migjuba kontra tieghu sena prigunerija u Lm150 multa li qeghdha tikkoncedilu li jhallasha b'rati mensili ta' Lm5 il-wahda kull l-ahhar ta' kull xahar dekorribbli mill-ahhar ta' Ottubru 2006 u bid-dekadenza fin-nuqqas wara li rat l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, 281, 325, 49, 50, 17 u 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 21, 23 tal-Kap 446 gia Artikolu 5 tal-Kap 152.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------